MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 396/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Maria Xuereb u l-istess Maria Xuereb**

**Vs**

**Godwin Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef hames mija u tlett liri Maltin disgha u sittin centezmu (Lm3503.69) rapprezentanti danni sofferti u spejjez ohra inkorsi mill-atturi bhala konsegwenza u in segwitu ta' incident stradali li sehh fid-9 ta' Awissu 2001 fi Buskett Road, ir-Rabat, Malta, bejn il-vettura GAJ 178 misjuqa mill-konvenut u l-vettura DBB 591 proprjeta tal-assikurati tas-socjeta attrici, u dan prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident premess jahti

unikament il-konvenut. Bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Awissu 2002 u tal-ittra ufficjali mibghuta mal-avviz ghat-tenur tal-Kap.104 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li bih eccepixxa bir-rispett:

1. Illi huwa ma jahtix ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 63 u fol 66, rispettivament, tal-atti.

Rat l-atti kollha.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-<u>iskizz skalat</u> esebit in atti (a fol 17) minn <u>PS 690 Carmelo Pace</u> (fol 15 u 16 ibid) wiehed jista' jara il-posizzjoni taz-zewg vetturi jista' jara il-posizzjoni taz-zewg vetturi involuti f'dan l-incident cjoe dik misjuqa mill-attrici bin-numru DBB 591 u l-ohra bin-numru GAJ 178 misjuqa mill-konvenut. Inoltre jista' jigi kostatat illi din il-kollisjoni grat f'<u>liwja</u> f'Triq il-Buskett fil-limiti tar-Rabat. Dwar <u>hsarat</u>, hemm indikat illi, bhala konsegwenza ta' dan l-incident, il-vettura misjuqa mill-attrici kellha danni fuq il-genb tal-<u>lemin</u> waqt li dik misjuqa mill-konvenut kellha daqqa fuq quddiem fuq il-lemin (ara 'vehicle damage' fir-<u>rapport</u> redatt mill-istess pulizija a fol 19 ibid). Mill-istess rapport a fol 19, ukoll, jidher li l-<u>konvenut</u> kien stqarr, wara l-incident, illi hu kien qed jsuq lejn 'Buskett Winery", kif inidkat fl-istess skizz, u meta wasal fl-imsemmija liwja "all of a sudden driver of car DBB 591 dashed into his car'. Da parti tal-attrici, din kienet stqarret illi kienet qed issuq lejn u fid-direzzjoni tar-Rabat "and when she arrived at the

bend, all of a sudden, driver of car GAJ 178 dashed into her car".

Illi meta l-attrici xehdet (fol 21 et seq ibid) hi specifikat illi, waqt li qed issuq fl-istess triq "Ahna konna tlett karozzi wara xulxin b'tieghi l-ahhar wahda" bi hbieb taghha fiz-zewg karozzi quddiemha. Waqt li kienu 'telghin bil-mod' u 'Filfatt kont ghadni kemm spiccajt ndur ma liwja' ('tista tghid dortha') minn faccata giet karozza ohra misjuqa mill-konvenut, 'gejja bi speed qawwi hafna ' u din tal-ahhar laqtet il-vettura misjuqa minnha fuq il-bieba fuq in-naha taghha ('tad-driver') '… dawwarni u gabni li nofs il-karozza tieghi spiccat f'ghalqa'. In rigward l-vettura misjuqa mill-konvenut, din waqfet "… aktar minn kemm hi twila l-awla fejn qed nixhed". In rigward l-iskizz, l-attrici, difatti, ma jaqblitx mieghu f'dak li jirrigwarda '.. id-distanza bejn iz-zewg vetturi wara l-incident' u allegat li l-imsemmi pulizija w il-konvenut setghu kienu hbieb ghar-raguni indikata fl-istess xhieda.

Fl-ahhar nett fil-kontro esami, l-attrici verbalment, kienet qalet 'Waqt li kont qed indur, jiena ma nahsibx li mort xi ftit in-naha l-ohra tat-triq f'liema triq, ma hemmx 'linja fin-nofs ….".

Illi gew prodotti Elizabeth Farrugia (fol 52 et seq ibid) li kienet qed issuq, wahda mill-vetturi, quddiem dik tal-attrici u Antida Muscat (fol 55 et seq ibid) oht l-attrici u passiggiera fl-istess vettura misjuqa minn din. L-ewwel wahda xehdet illi hi kienet issuq il-vettura l-aktar wahda fuq quddiem, meta rat karozza ohra '… gejja b'velocita qawwija hafna' ossija '… sparata …', liema karozza '… ghaddietni. Wara ftit sekondi … smajt hoss ta' daqqa'. Wara l-incident, hi kienet semghet lill-konvenut jsemmi "xi brejkijiet' u jghid lill-attrici '… li kien mghaggel sabiex imur ghax-xoghol'. Din ix-xhud, pero', kontrarjament ghal dak li keient xehdet l-attrici, testwalment qalet "Jiena naqbel li l-karozzi, spiccaw wara l-habta kif murija fl-sketch'.

In rigward it-tieni xhud, li kif, di gja inghad kienet passiggiera mal-attrici, hi qalet illi kienet, bil-qeghda, fuq wara, immedjatament wara l-istess attrici. Fl-istess

karozza kien hemm ukoll, bin ix-xhud u ohra bl-isem ta' Marthese fuq is-'seat' tal-passiggier. Pero dwar id-dinamika tal-istess incident, ma tantx jidher li ftakret kif dan gara hlief li qalet illi, avolja kienet qed tieghu hsieb binha, hi rat minn facatta '… karozza gejja sparata'.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, l-konvenut, meta xehed (fol 59 et seq ibid) qal illi wara li "Ghaddewni fuq in-naha l-ohra (tat-triq) zewg karozzi ghad-dritta..', hu kien wasal fl-imsemmija liwja ('blind corner') fejn 'fegget 'jeep' bajda go wicci'. Hawnhekk hu testwalment, xehed "Jiena … kont qed indur mal-hajt ezatt fuq in-naha tax-xellug tieghi" waqt li allega li kien ra' lill-attrici "… ddawwar l-isteering …. Lejn ix-xellug taghha …". L-istess konvenut allega ukoll illi l-attrici kienet ghaddejja b'velocita kbira waqt li hu kien qed jsuq 'slow hafna' u 'fuq sajdi'.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward it-triq in esami, jidher li din hi pjuttost dejqa izda zewg vetturi jistghu, jekk misjuqin b'certa kawtela specjalment f'liwja, jghaddu ma xulxin fid-direzzjoni opposta. Inoltre mill-premess, jidher li l-partijiet involuti qed jakkuzaw lill-xulxin li reciprokament illi l-vetturi rispettivi kienu qed jinsaqu b'velocita qawwija u fuq in-naha l-hazina tat-triq.

Illi pero l-Qorti tixtieq tinfasizza illi s-socjeta attrici nomine et kellhom, l-obbligu illi jipprovaw tali allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut u dan fuq bazi ta' probabilta' (ara l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk, il-Qorti rat jekk, f'dan il-kaz, hemm xi fatt jew fatti, pruvati, sabiex tista' tghid, dejjem fuq basi ta' probabilita, illi l-konvenut kien qed jsuq skond kif allegat mill-attrici. Dwar dan il-Qorti esaminat, b'certa reqqa, ix-xhieda tal-istess attrici, ta' ohtha u tal-habibha tal-istess attrici kif ukoll l-iskizz u l-hsarat fil-vetturi rispettivi oltre l-posizzjoni tal-vetturi wara l-incident u rat illi ma hemm ebda prova, oggettiva u indipendenti, li setghet tindika illi l-konvenut kien qed jsuq b'velocita' qawwija. Inoltre ma

irrisultax, b'mod car, liema mill-vetturi involuti kienet, anke 'in parte', fuq in-naha l-hazina tat-triq. Ghalhekk l-istess Qorti ghandha tasal ghall-konkluzzjoni li s-socjeta attrici nomine et ma pprovawx li l-konvenut kien qed jsuq b'mod traskurat jew negligenti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------